**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 05 ta' Jannar 2023

**Kawża numru: 59/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Ali Miftah**
**(K.I. 182789A)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Ali Muftah**, ta' 30 sena, iben Sasi u Hania Mohamed nee' Salem, imwieled il-Libja, nhar it-18 t'Awwissu 1991 u residenti 'Paul Jane', Flat 1, Triq ta' Barda, Żebbuġ Għawdex u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 182789A u akkużat talli fis-7 ta' Diċembru 2022 għall-ħabta ta' 01.45a.m. u fil-ħinjiet ta' qabel waqt li kien qiegħed fi Traffic Lights Bar, triq il-Qbajjar, Żebbuġ Għawdex u/jew fil-gżira ta' Għawdex:

1. Ikkometta serq ta' flixkien tax-xorb, flus kontanti u/jew oġġetti oħra li l-valur tagħhom ma' jaqbiżx aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u

erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), liema serq hu kwalifikat bil-mezz u bil-ħin u dan għad-dannu ta' Joseph Vella u/jew persuni oħra, bi ksur tal-artikoli 261, 263 u 270 tal-Kap. 9.

2. U aktar talli kiser ordni ta' Probation mogħtija mill-Qorti ta' Għawdex (Maġistrat Dr. Simone Grech LL.D.) nhar il-7 ta' Lulju 2020 u minn Maġistrat Dr. Joe Mifsud LL.D. nhar 3 ta' Marzu 2021, li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin, liema sentenza hija deffinitiva u ma tistax tinbidel.

3. U aktar talli rrenda ruhhu reċidiv bi diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati li huma definittivi li ma' jistgħux jiġu mibdula jew mħassra u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu. Illi fid-dawl ta' din l-ammissjoni, u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa lura minnha. Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkonsidrat:-

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tosserva li l-akkużat kien diġà afdat minn dawn il-Qrati fis-7 ta' Lulju 2020 u fit-3 ta' Marzu 2021 billi ngħata Ordni ta' Probation għall-perjodu ta' tlett snin f'kull każ. Il-Qorti semgħet ukoll lill-probation officer li kkonferma li l-akkużat qiegħed jottempora ruħu mal-Ordni tal-probation billi dejjem imur għal-laqgħat li jkollu kif ukoll jogħod għad-direzzjoni li tingħatalu. Qal li f'dawn l-aħħar snin l-akkużat wera progress kbir fl-andamant tiegħu u li jidher li dan kien inċident ta' darba tul dawn l-aħħar sentejn. Qal li l-akkużat llum-il ġurnata għandu impjieg u qiegħed jieħu ħsieb il-familja tiegħu.

Illi l-Qorti semgħet ukoll lill-istess akkużat jiskuża ruħu mal-parte ċivile u ddikjara li ddispjaċieħ ħafna għal dak li għamel.

Il-prosekuzzjoni, da parti tagħha ddikjarat illi l-r-res furtiva tammonta għal madwar €20.

Ikkonsidrat;

Il-Qorti tqis li l-akkużat qiegħed jieħu l-benefiċċji kollha maħsuba bl-applikazzjoni ta' Ordni ta' Probation, billi sab kaptu ta' ħajtu u qiegħed ikompli fit-triq it-tajba. Dan għandu aktar relevanza għaliex mill-fedina penali tiegħu jirriżluta li din mhux l-ewwel darba li xellef difrejħ mal-liġi.

Jirriżluta wkoll li l-inċident *de quo* kien inċident singolu minn wara li beda l-ordni ta' probation u li l-akkużat fehem mal-ewwel it-trasgressjoni li huwa għamel.

Illi l-Qorti tqis li ladarba l-akkużat qabad ritmu tajjeb bl-Ordni ta' Probation, inkun aktar ta' ġid għaliħ jekk ikompli f'din it-triq u għal dan l-għan il-Qorti sejra testendi l-perjodu tal-Ordni tal-Probation għall-massimu mil-lum, bil-għan li l-akkuża ikompli jeżofruwixxi mill-benefiċji msemmija filwaqt li jkollu l-konsegwenzi legali fl-eventwalità li jerġa jxellef difrejħ mal-liġi.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 289, 261, 263, 270 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 7 u 23 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Ali Muftah ħati** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u, wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed testendi l-Ordni tal-Probation għal żmien ta' sena u għaxar xhur mil-lum.

Illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi s-somma ta' €20 lill-parte ċivile Joseph Vella

Illi ai fini tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi legali jekk il-ħati jonqos milli jħares il-kondizzjoni imposta fuqu.

**Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Diane Farrugia**
**Deputat Reġistratur**